# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2001

**Numru 82**

**Citaz. numru: 1069/99 NA**

**Josianne Giusti f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha Mariah Giusti**

**vs**

1. **Pierre sive Peter Giusti**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
3. **Emanuel Vella**

**Paternita' - Artikolu 70 (2) u 77 tal-Kodici Civili - Test tad-D.N.A.**

**Il-Qorti laqghet it-talbiet attrici li wiehed mill-konvenuti u mhux zewgha kien il-missier naturali tat-tarbija peress illi mhux biss saret il-prova a bazi ta' l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili izda wkoll ghax hekk kienu juru t-testijiet genetici li saru. Di piu' kien hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja wahedha mhiex sufficjenti mehuda ma' fatturi ohra kienet determinanti ghall-Qorti.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-10 ta' Mejju 1999 fejn ippremettiet illi:

"Illi l-attrici Josianne Giusti zzewget lill-konvenut Pierre Giusti fis-27 ta' Mejju 1994;

Illi fis-17 ta' Marzu 1998, l-istess attrici kienet infirdet mill-imsemmi konvenut Pierre Giusti permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Ann Fenech Adami (Dokument "B"), u baqghet hekk fizikament mifruda f'kull zmien materjali ghal din il-kawza;

Illi l-attrici Josianne Giusti bdiet relazzjoni mal-konvenut Emanuel Vella, u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla Mariah Giusti, fit-22 ta' Gunju 1998 (Dokument "A"), liema tifla minuri hija allura l-wild naturali ta' l-istess konvenut Emanuel Vella;

Illi hemm lok ghalhekk illi c-certifikat tat-twelid ta' Mariah Giusti jigi emendat fis-sens illi l-paternita' ta' l-istess minuri tkun korrettament tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-imsemmi Emanuel Vella huwa l-missier naturali tal-minuri Mariah Giusti;

Illi inoltre, l-imsemmi konvenut Emanuel Vella ma huwiex qieghed ihallas manteniment lill-attrici ghall-htigijiet ta' l-imsemmija minuri Mariah Giusti;

TALBET li dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri Mariah Giusti mhiex it-tifla naturali tal-konvenut Pierre Giusti, zewgt l-attrici ommha, izda hija t-tifla naturali tal-konvenut Emanuel Vella b'mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens;

2. tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' Mariah Giusti, numru 2547 tas-sena 1998, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut Pierre Giusti jigu kkancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut Emanuel Vella, kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f'din il-kawza;

3. tiddikjara illi bhala l-missier naturali ta' l-imsemmija tifla minuri, il-konvenut Emanuel Vella huwa obbligat jmantni

ossija jikkontribwixxi lejn il-manteniment ta' l-istess minuri;

4. tillikwida l-manteniment hekk pagabbli prospettivament mill-istess konvenut lill-attrici ghall-htigijiet ta' l-imsemmija minuri;

5. tillikwida l-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid ta' l-imsemmija minuri sad-data ta' l-effettiva kundanna ta' hlas ta' manteniment, mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabbilita minn dina l-Qorti, pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici sabiex jirrimborza lill-istess attrici ghall-ammonti mahruga ossija zborzjati mill-attrici w applikati fil-manteniment ta' l-imsemmija tifla minuri, jew porzjoni appozitament stabbilita ta' l-istess;

6. tikkundanna lill-istess konvenut Emanuel Vella sabiex ihallas lill-attrici r-retta alimentarja hekk likwidata minn din il-Qorti, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f'dan ir-rigward mill-istess Qorti;

7. tikkundanna lill-istess konvenut Emanuel Vella sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma hekk stabbilita u likwidata

minn din il-Qorti bhala arretrati ta' manteniment, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f'dan ir-rigward mill-istess Qorti;

8. Tordna illi l-kura u kustodja ta' l-imsemmija minuri Mariah Giusti tigi affidata lill-attrici salv l-access tal-konvenut Vella li jigi wkoll stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, liema kustodja tkun ezercitabbli taht dawk il-kondizzjonijiet li jigu stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ili minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici fl-10 ta' Mejju 1999 fejn talbet li tigi nnominata kuratrici *ad litem* tal-minuri. B'ordni tal-Qorti dan ir-rikors gie notifikat lill-konvenuti kollha. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku kien l-uniku konvenut li ghamel risposta fit-8 ta' Lulju 1999 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, oppona ghat-talba attrici. B'digriet tat-3 ta' Awissu 1999 il-Qorti dehrilha li din l-opposizzjoni kienet fondata,

cahdet it-talba w ordnat illi l-minuri tkun rapprezentata mill-kuraturi li kien imiss skond l-elenku. Din hija l-ewwel inezattezza ezistenti fl-atti ta' dan il-process ghax minn dan kollu jidher li ma sar xejn u l-attrici kompliet tidher ghan-nom tal-minuri in kwistjoni.

Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fl-4 ta' Awissu 1999 fejn eccepixxa illi:

1. "Fil-meritu illi f'dan l-istadju huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna u jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi peress li l-attrici qieghdha taghmel talbiet li se jkollhom effett irriversibbli fuq il-hajja tal-minuri Mariah, jekk jintlaqghu, jinhtieg li din l-Onorabbli Qorti tkun tassew konvinta mill-provi migjuba qabel tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici;

3. Illi t-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 2547/1998 fi kwalunkwe kaz mhuwiex attribwibbli ghal zball ta' l-esponent li ghalhekk m'ghandux ibati spejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Il-konvenut Vella, invece, ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fil-11 ta' Awissu 1999 fejn eccepixxa illi:

1. "Qabel xejn trid issir prova konkluzziva dwar il-paternita' ta' Mariah Giusti bizzejjed biex teghleb il-prezunzjoni ta' legittimita';

2. Jekk tassew l-eccipjent huwa missier Mariah, huwa lest li jaqdi l-obbligazzjonijiet li l-ligi timponi fuqu, izda biex ikunu stabbiliti x'inhuma dawn l-obbligazzjonijiet ghandu jitqies il-fatt li r-relazzjoni bejn l-attrici u l-eccipjent inholqot minhabba f'ingann maghmul mill-istess Josianne Giusti kontra l-eccipjent;

3. F'kull kaz, l-eccipjent ma ghandu ebda obbligazzjoni ta' manteniment lejn il-konvenuta proprio, u ghalhekk is-sitt u s-seba' talbiet ma jistghux jintlaqghu;

4. Il-hames talba ma tistax tintlaqa' billi l-manteniment ma jinghatax b'lura; ghall-istess raguni wkoll (oltre r-raguni

moghtija fit-tielet eccezzjoni), is-seba' talba ma tistax tintlaqa';

5. F'kull kaz l-eccipjent ma ghandux ibati spejjez billi r-relazzjoni bejnu u l-attrici Josianne Giusti nholqot minhabba f'ingann maghmul mill-istess Josianne Giusti kontra l-eccipjent;

6. Bla pregudizzju, jekk l-eccipjent tassew huwa missier Mariah Giusti, hu ghandu jkollu access ghaliha;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Il-konvenut Pierre Giusti ma jidhirx illi qatt ipprezenta Nota ta' l-Eccezzjonijiet. Effettivament lanqas qatt ma gie ufficjalment notifikat bic-citazzjoni jew bl-avviz tas-smiegh u qatt ma espressament ta ruhu b'notifikat bl-istess u din hija inkorrettezza ohra fl-iter ta' dan il-process.

Huwa pero' deher assistit fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 1999, kif deher ukoll f'seduti sussegwenti, u qabel li kellhom isiru t-testijiet tad-D.N.A. Effettivament dan it-test sar minn Paul Sultana li jikkonferma bil-gurament fis-seduta tat-30 ta' Mejju

2000 il-mod kif kien ipprepara biex isiru dawn it-testijiet in kwistjoni w esebixxa r-rizultanzi ta' l-istess fid-Dokument "PS1" a fol. 58, 59 u 60 tal-process li juru l-investigazzjonijiet li rrizultaw fir-rigward tal-paternita' tat-tarbija kif maghmulha minn Cellmark Diagnostics ta' l-Ingilterra. F'din is-seduta xehdu wkoll il-konvenuti Vella u Giusti u l-attrici. F'din is-seduta l-Qorti giet infurmata mill-partijiet li l-kawza setghet tigi tranzatta. Dak iz-zmien dan ovvjament ma sarx ghax fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2000 dehru l-partijiet kollha debitament assistiti u "*nformaw lill-Qorti li nonostante l-ahhar verbal, din il-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza*", liema sentenza pero' ma inghatatx fuq talba ta' l-attrici tas-17 ta' Novembru 2000 fejn talbet, u gie lilha koncess, il-fakolta' li tressaq il-provi taghha fuq it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet citattivi taghha. B'rikors konguntiv pero' tal-1 ta' Dicembru 2000 l-attrici w il-konvenut Vella, fost affarijiet ohra, infurmaw lill-Qorti li kienu waslu ghal transazzjoni fir-rigward ta' dawn l-istess talbiet. Talbu wkoll illi tigi mizjuda talba ohra fl-att tac-citazzjoni fis-sens illi "*Tordna illi l-kura u kustodja ta' l-imsemmija minuri Mariah Giusti tigi affidata lill-attrici salv l-access tal-konvenut Vella li jigi wkoll stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, liema kustodja tkun ezercitabbli taht dawk il-kondizzjonijiet li jigu stabbiliti minn dina l-Onorabbli*

*Qorti.*"  Dan ir-rikors ma giex notifikat lill-konvenuti l-ohra li ghalhekk ma kellhomx il-possibbilita' li jirrispondu ghalih u dan huwa wkoll inkorrettezza ohra fl-atti processwali.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok u principalment fl-interess suprem tal-minuri qabel ma tikkummenta fuq il-meritu din il-Qorti thoss li ghandha ssewwi l-inkorrettezza fuq imsemmija b'dan il-mod:

**1.** Jirrizulta mill-provi li l-minuri ma sofriet ebda pregudizzju minn nuqqas ta' rapprezentanza taghha mill-kuraturi.  Dan il-punt ma gie qatt izjed sollevat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku w il-Qorti qieghdha ghalhekk, anke f'dan l-istadju avvanzat tal-kawza, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-31 ta' Awissu 1999 u tilqa' t-talba attrici kif dedotta fir-rikors taghha tal-10 ta' Mejju 1999.

**2.** Il-konvenut Pierre Giusti mhux biss deher izda, tramite d-difensur tieghu, ippartecipa attivament u direttament f'dawn il-proceduri u ghalhekk in-nuqqas ta' notifika ufficjali tieghu ma ghandhiex tkun ta' xkiel ghall-ghotja ta' din is-sentenza.

**3.** Ir-rikors konguntiv ta' l-attrici w il-konvenut Vella w il-korrezzjoni minnha mitluba mhumiex ta' pregudizzju ghall-konvenuti l-ohra u fil-fatt ma jirrigwardawhomx partikolarament fejn, mill-provi, jirrizulta ampjament ippruvat illi huwa l-konvenut Vella li huwa l-missier naturali tat-tarbija u mhux il-konvenut Giusti. Il-Qorti ghalhekk qieghdha tilqa' t-talba u tawtorizza l-korrezzjoni mitluba li ghandha tigi mizjuda bhala t-tmien talba u qieghdha wkoll taccetta li tinkorpora dan il-ftehim fis-sentenza finali.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-meritu jirrizulta illi fiz-zmien li setghet tigi kkoncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut Vella fl-istess waqt li f'dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti kif presjeduta rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili ("Spiteri pro et vs Cilia et", fost ohrajn, Cit. Nru. 979/97 - 30 ta' Jannar 1998). F'dan il-kaz, pero', hemm ukoll il-prova genetika ta' l-ezamijiet medici li jikkonfermaw lill-konvenut bhala l-missier naturali tal-minuri in kwistjoni fi grad ta' 99.99%. Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha mhiex bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili)

mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' ta' din it-tarbija.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri Mariah Giusti mhiex it-tifla naturali tal-konvenut Pierre Giusti, zewgt l-attrici ommha, izda hija t-tifla naturali tal-konvenut Emanuel Vella b'mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens;

2. tilqa' t-tieni talba u tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' Mariah Giusti, numru 2547 tas-sena 1998, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut Pierre Giusti jigu kkancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut Emanuel Vella;

3. dwar it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet tipprovdi kif gej:

(i) Il-konvenut Vella jhallas manteniment mensili ta' Lm100 rivedibbli skond l-gholi tal-hajja kif din tirrizulta mill-indici mizmum appozitament mill-awtoritajiet kompetenti annwalment f'kull anniversarju ta' din is-sentenza, liema rivizjoni ssir awtomatikament u minghajr il-htiega ta' prezentata ta' ebda procedura gudizzjarja, salv id-dritt ta' kull parti illi oltre tali rivizjoni, titlob ir-rivizjoni tar-retta alimentarja, allura pagabbli, f'kaz ta' kambjament sostanzjali fic-cirkostanzi ta' l-istess partijiet jew tal-minuri;

(ii) Oltre l-imsemmija retta alimentarja, il-konvenut Vella jhallas ukoll l-ispejjez medici kollha tal-minuri Mariah, bint l-attrici, u kif ukoll ihallas l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni ta' l-imsemmija minuri nkluzi dawk pagabbli ghall-edukazzjoni fi skejjel privati f'Malta, *kinder-garden* jew *play-school*, liema spejjez ta' edukazzjoni jinkludu l-mizati, l-ispejjez ta' uniformijiet, kotba, *stationery* u tat-trasport ghall-iskola, *kinder-garden*, jew *play school*.

(iii) Il-konvenut Vella jhallas ossija jirrimborza lill-attrici l-ispejjes ossija *premium* imhallsa minnha ghall-hrug ta'

polza ta' assikurazzjoni medika illi tkun tkopri lill-attrici u lill-uliedha minuri. Dan l-obbligu jippersisti sakemm il-minuri taghlaq tmintax-il sena.

4. finalment dwar it-tmien talba din hija deciza, kif miftiehem bejn il-partijiet, b'dan il-mod:

(i) Il-kura u kustodja ta' l-imsemmija minuri tigi affidata lill-attrici;

(ii) L-imsemmi konvenut Vella jkollu access ta' ghaxar (10) sieghat fil-gimgha ezercitabbli fil-granet u hinijiet li jigu miftiehma mill-partijiet miz-zmien ghal zmien jew stabiliti mill-Qorti f'kaz ta' konflitt;

(iii) Tali access huwa suggett ghas-segwenti kondizzjonijiet:

a) Il-minuri ma ghandhiex tittiehed fid-dar tar-residenza tal-konvenut Vella jew tigi esposta ghall-membri tal-familja tieghu, minghajr il-kunsens preventiv ta' l-attrici;

b) Ghall-fini ta' l-access hawn stabbilit u sakemm ma jigix miftiehem mod iehor minn zmien ghal zmien,

il-minuri ghandha tingabar mid-dar tar-residenza ta' l-attrici u tigi ritornata fid-dar ta' l-attrici;

(iv) Illi l-attrici tkun intitolata illi b'effett tas-sentenza eventwalment mehuda tapplika u tottjeni passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens tal-konvenut Vella;

(v) Illi l-attrici tkun tista' ssiefer lill-imsemmija minuri Mariah mill-Gzejjer Maltin anki minghajr il-kunsens jew il-permess tal-konvenut Vella. B'dan pero' illi l-intitolament huwa riservat lill-attrici jkun restritt biss ghal safar ghal btajjel ta' dewmien ragonevoli bl-intendiment illi wara kull safra l-minuri ghandha titregga lura fil-Gzejjer Maltin wara zmien ragonevoli;

(vi) Illi l-attrici tiddeciedi kif u f'liema instituzzjonijiet l-imsemmija minuri ghandha tircievi l-edukazzjoni taghha, b'dan pero' illi l-partijiet jaqblu illi l-imsemmija minuri sejra tircievi l-edukazzjoni taghha fil-livell primarju fl-iskola Chiswick, bl-intendiment illi tkompli tattendi din l-iskola ghall-edukazzjoni taghha fil-livell sekondarju.

Ghall-fini tat-tieni talba tordna illi kopja ufficjali ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Diretur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif provvdut fil-ligi.

Fir-rigward ta' l-ispejjes huwa ovvju li l-konvenuti Pierre Giusti w id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandhomx ibatu spejjes f'din il-kawza li invece ghandhom ikunu ssopportati b'mod indaqs mill-attrici u mill-konvenut Vella.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.